**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 16 ta' Marzu 2017**

**Pulizija**

**Spettur Hubert Cini**

**Vs**

**Joseph Portelli**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra **Joseph Portelli**, 51 sena, iben Joseph u Maria Stella xebba Gauci, imwieled l-Awstralja nhar it-2 t'April 1964, li joqghod Lucienne Flats, Flat 1, Triq il-Kummerc, Birzebbuga jew 19, Flat 1, Triq Arturo Issel, Birzebbuga w detentur tal-karta tal-identita' numru 405981(M);

Talli bejn id-29 ta' Settembru 2014 u 31 t'Ottubru 2014, u fi zmien ta' qabel, gewwa Malta w f'dawn il-Gzejjer:

1) B'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zmienijiet differenti, imma li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

2) Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku w pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi johloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi jzid jew jibdel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, li dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

3) Aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, xjenetement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel dan is-sub-titolu;

4) Aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, b'wiehed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 179 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' taghmel hsara lil konjugi Ramon u Sharon Camilleri u ta' Mario Muscat, jew iggib utli;

5) Aktar talli fl-istess dati, hinijiiet, lok u cirkostanzi, xjentement jaghmel uzu minnha;

6) Aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jaghti taghrif falz;

7) Aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel dan;

8) Aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qligh bi hsara tal-konjugi Ramon u Sharon Camilleri u ta' Mario Muscat;

9) Aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, bi hsara tal-konjugi Ramon u Sharon Camilleri u ta' Mario Muscat, ghamel xi qligh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel dan is-sub-titolu;

10) Aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi u fi zmien ta' qabel dan, minn Birzebbuga, Malta, ikkommetta serq ta' cekkijiet minn vettura ghad-dannu tal-konjugi Ramon u Sharon Camilleri serq aggravati bix-xorta tal-haga misruqa;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fis-16 ta' Marzu 2017, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssibu hati u tghaddi biex tikkonsidra l-piena. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. F' Novembru 2014, mar l-ghassa jirrapporta certu Ramon Camilleri li kienu gew neqsin ftit aktar minn erba' mitt Ewro mill-kont bankarju tieghu. Meta staqsa lill-bank x'kien gara, sab li hargu tlitt cekkijiet mic-cheque book tieghu u dawn inkitbu minn xi hadd mhux maghruf u ssarrfu. Mill-istharrig li ghamlet il-Pulizija, instab li l-imputat kien l-persuna li wettaq dan ir-reat. Fl-istqarrija tal-imputat hemm indikat f'hiex kien jikkonsisti dan ir-reat. Fi ftit kliem, hu seraq tlitt cekkijiet minn cheque book ta' Ramon u Sharon konjugi Camilleri mill-vettura taghhom, u mela dawn ic-cekkijiet hu stess biex sarrafhom fuq l-idejn ghand certu Mario Muscat u ha l-flus minn fuqhom.

Il-Qorti giet infurmata li l-flus gew ritornati lil sidhom, u ghalhekk ma hemmx il-htiega li jkun hemm ordni ta' rizarciment f'idejn terzi persuni. F'dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti sejra taghti piena ta' sentenza ta' prigunerija sospiza, bl-isperanza li din isservi ta' deterrent ghall-imputat li ma jaghmilx aktar hmerijiet tat-tfal f'hajtu u jitghallem jerfa' r-responsabbilta' ta' ghemilu. Huwa ta' ghajb li persuna tal-eta' tieghu tisraq ic-cekkijiet ta' persuni u timlihom u tiffalsifika firma biex dawn jissarfu kif fil-fatt ghamel. Flimkien mas-sentenza sospiza ser ikun hemm ordni ta' supervizjoni ma' ufficjal tal-probation, biex b'hekk ikun hemm ukoll sorveljanza fil-hajja tal-imputat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 183, 184, 187(1), 187(2), 188(1), 189, 261(g), 271(g), 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghal sentejn prigunerija

sospizi ghal erba' snin taht supervizjoni ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**